MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2012

Numru. 581/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J Abdilla)**

**vs**

**Bjorn Charles Borg**

**Illum, 18 ta' Gunju 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi BJORN CHARLES BORG ta' 32 sena, bin Reno u Rita nee' Baldacchino, imwieled Victoria (Awstralja) fit-8 ta' Novembru 1979, u residenti fi' Flat Numru 7, Block A1, Triq il-Porzjunkula, Qawra, detentur tal-Karta ta' l- Identita' bin-numru 525293M.

Akkuzat talli fil-31 ta' Mejju 2012, u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. minghajr awtorizzazzjoni
a) uza *computer* jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhol f'xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-*computer* jew f'xi *computer* iehor, jew uza, ikkupja jew immodifika kull *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk; kif wkoll
b) gharraq it-thaddim ta' xi sistema, software jew l-integrita' jew affidabilita' ta' xi data; kif wkoll
c) installa, nehha, biddel, ikkancella, qered, varja, jew zied ma' xi data, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg
meta tali reat jikkonstitwizzi att li b'xi mod kien ta' hsara ghal xi funzjoni jew attività tal-Gvern, jew tellef, gharraq jew interrompa b'xi mod li jkun l-ghoti ta' xi servizz jew utilità pubblici; kif wkoll meta tali reat sar f'post minn impjegat bi pregudizzju tal-principal tieghu;

2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

3. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha, jew minhabba depozitu necessarju;

4. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg tieghu, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impieg tieghu, jew seraq tali flejjes tal-Gvern u oggetti ohra;

5. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ha b'qerq, iddistrugga, ma halliex shah, jew seraq dokumenti, processi jew karti ohra, registri, atti jew xi hwejjeg ohra, li jkunu qeghdin fl-arkivji pubblici, jew f'ufficcji ohra pubblici, jew li kienu moghtija f'idejn depozitarju jew ufficjal iehor pubbliku minhabba l-kariga tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 127, 144, 293, 294, 308, 309, 310(1)(a), 337C(1)(a)(e)(g) u 337F(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma f'l-1 ta' Gunju 2012 minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet mizmuma kontra tieghu u li waqt l-udjenza mizmuma llum huwa kkonferma din l-ammissjoni.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet ai fini ta' piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-partijiet qablu li l-ammont mehud mill-imputat jammonta ghal tnejn u disghin elf, disgha mija disgha u tmenin Euro u tlettax il-centezmu (€92,989.13).

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu li hija netta. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-imputat huwa dispost li jhallas lura l-ammont kollu in kwistjoni pero jekk huwa jinghata piena karcerarja effettiva zgur li mhux ser ikun f'pozizzjoni li jaghmel hekk u li huwa f'l-interess tad-dipartiment koncernat li jithallas lura dak l-ammont mehud mill-imputat. Il-Qorti ghalhekk sejra taghti sentenza li permezz taghha l-imputat ikun jista', fi zmien qasir, ihallas lura dak kollu li huwa ha u li fin-nuqqas jiskonta piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 127, 144, 293, 294, 308, 309, 310(1)(a), 337C(1)(a)(e)(g) u 337F(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' erbgha snin u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28H ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur ihallas lill-parte civile s-somma ta' €92,989.13 bhalas kumpens u in oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 127 tal-Kapitolu 9 qed tordna fil-konfront ta'l-imputat l-interdizzjoni generali perpetwa u ghal dan il-ghan tordna li, a karigu tar-Registratur ta' din il-Qorti, is-sentenza tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern. In konkluzzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tikkundannah ukoll biex fi zmien sitt-xhur minn meta jigi

miltub jaghmel hekk ihallas l-ispejjez in konnessjoni mal-hatra ta'l-esperti.

In vista tal-fatt li l-imputat ammetta l-imputrazzjonijiet u l-kawza giet deciza l-Qorti qed tirrevoka d-degriet taghha mghoti f'l-1 ta' Gunju 2012 li permezz teighu ordnat lir-Registratur ta' din il-Qorti biex jaghmel l-inventarju ta'l-assi ta'l-imputat.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin jew jekk ma jhallasx l-ammont ta' €92,989.13 fiz-zmien prefiss.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lir-Registratur ai fini tal-publikazzjoni u tar-revoka ta'l-inkarigu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------